A.L. 72 ta' l-2011

ATT BIEX JIRREGOLA KOMUNIKAZZJONIJIET ELETTRONIĊI (KAP. 399)

Regolamenti ta' l-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar *Networks* u Servizzi ta' Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Ġenerali)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 44 ta' l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi, il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni mal-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment u ma' l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar *Networks* u Servizzi ta' Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Ġenerali), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2004 dwar *Networks* u Servizzi ta' Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Ġenerali), hawn iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 412 ta' l-2004.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2011.

Jemenda l-Ħdax-il Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. It-Taqsima B tal-Ħdax-il Skeda għar-Regolamenti Prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) Il-paragrafi (a) u (b) tagħha għandhom jiġu mħassra;

(b) Il-paragrafi (ċ) u (d) tagħha għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (b) u (ċ); u

(ċ) minnufih qabel il-paragrafu (b) tagħha kif rinumerat għandu jiġi miżjud dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) għal kull *paired* 5MHz *channel* fil-frekwenzi 900 Mhz u, jew 1800 MHz ..... €224,000".